MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 218/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Cauchi talli b'diversi atti maghhmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghall-perijodu bejn it-13 ta' Jannar 2010 sad-9 ta' Frar 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Emanuela Cauchi u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Mejju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikol1 18 u 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Carmelo Cauchi hati u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Carmelo Cauchi pprezentat fis-17 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata, billi tibdel u tirriforma u timmodifika l-piena il giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa mill-piena li l-appellant iqis bhala wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u stante li d-detenzjoni tista’ tkun ta’ detriment ghal sahhtu. L-appellant jghid illi huwa ntavola proceduri quddiem il-Qorti kompetenti ghas-sospensjoni u varjazzjoni tal-manteniment u li ghadhom pendenti. Meta ma hallasx il-manteniment huwa kien qieghed jiskonta sentenza ta’ detenzjoni fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin u minhabba tali detenzjoni l-pensjoni li huwa kien qieghed jircievi tnaqqsitlu drastikament. Huwa ma jahdimx peress illi f’Marzu 2007 gie *boarded out*. Kien baghat *cheque* lil martu b’ammont zghir ta’ flus li seta’ jhallas izda martu baghtitulu lura. Minkejja dan, meta ibnu minuri jkun mieghu, xi haga tal-flus jaghtih u xi affarijiet jixtrilu. Ibnu minuri llum sab impjieg. Jiehu hsieb wkoll lil bintu li hija *single mother*. Ghandu d-dejn, ihallas il-kera tar-residenza tieghu u ta’ bintu, u l-uniku attiv li ghandu biex jillikwida hija d-dar matrimonjali li ma tistax tinbiegh qabel seba’ snin mid-data tas-sentenza ta’ l-1 ta’ Dicembru 2006. Minkejja li huwa gab dan kollu a konjizzjoni ta’ l-ewwel Qorti, dik il-Qorti ma akkordatlux ftit zmien iehor biex

jaghmel l-arrangamenti necessarji sabiex ihallas l-arretrati.

Issa, in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. F’dan il-kaz il-piena hi bla dubju ta’ xejn entro l-parametri tal-ligi.

L-appellant jghid illi hemm proceduri pendenti ghas-sospensjoni u varjazzjoni tal-manteniment. Izda, bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta’ Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond’Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim’Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta’ manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma’ tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta’ Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f’wahda ta’ revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta’ digrieti jew sentenzi tal-Prim‘Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond’Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha.”**

Sallum il-pozizzjoni ma nbidlitx. Fil-fatt fis-seduta tad-19 ta’ Lulju 2010 id-difensur ta’ l-appellant informa lil din il-Qorti li l-Qorti tal-Familja ddecidiet li ma kienx opportun li tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni qabel ma jinstemghu l-provi kollha relattivi. Ghalhekk il-manteniment kif originarjament iddekretat ghadu dovut.

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003.

Anke dwar il-fattur tax-xoghol il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, gie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi *"tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment".* Hu biss wara li dik il-persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' 1-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet.

L-appellant jilmenta wkoll li ghalkemm gab dawn u fatturi ohra a konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti, hija ma akkordatlux ftit aktar zmien biex jeffettwa l-hlas. Din il-Qorti zammet seduta fil-21 ta' Gunju 2010 fejn giet infurmata mid-difensur ta' l-appellant dwar it-talba li saret lill-Qorti tal-Familja biex ir-rikors ghas-sospensjoni jew revizjoni tal-manteniment jinstema' b'urgenza u seduta ohra fid-19 ta' Lulju 2010 fejn l-istess difensur informa lil din il-Qorti dwar l-ezitu sfavorevoli tar-rikors biex il-kaz jinstema' b'urgenza. Fl-ebda seduta ma saret offerta ta' xi pagament, anzi kien hemm konferma li ma sarux pagamenti u sosttomissjoni li ma kienx possibbli ghall-appellant li jhallas ghax kien detenut in konnessjoni ma' kawzi ohra ta' l-istess generu. Sfortunatament ma tirrizulta ebda determinazzjoni da parti ta' l-appellant sabiex itejjeb il-pozizzjoni tieghu, u dan nonostante, kif qalet sew l-ewwel Qorti, "sensiela interminabbli ta' kawzi" kontra l-appellant ghall-istess reat.

Kwantu ghall-piena, pero` din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal f'sentenza ohra li nghatat kontra l-istess appellant minn din il-Qorti diversament presjeduta (per l-Imhallef Joe Galea Debono) fl-10 ta' Dicembru 2009:

**"Illi din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tikkonferma sentenzi ohra tal-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant odjern li minnhom kien gie osservat illi meta l-Ewwel Qorti kienet erogat piena restrittiva tal-liberta', l-**

**Ewwel Qorti kienet qalet li kienet thossha kostretta li taghmel dan minhabba li din hija kawza ohra minn sensiela interminabbli ta' kawzi fl-istess ismijiet fuq l-istess mertu, (ara App. Krim. numri 62/09 u 87/09 fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs. Carmelo Cauchi" [16.4.2009].) kif jidher ukoll mill-fedina penali aggornata tal-appellant.**

**"Illi milli jidher l-appellant ma tghallem xejn mill-esperjenza karcerarja tieghu f'okkazjonijiet precedenti w baqa' jikkommetti l-istess reat. Pero' minhabba l-fatti li l-appellant ma jistax jillikwida l-assi tieghu fid-dar matrimonjali ghax din ma tistax tinbiegh ghalissa, hemm lok ghal certu temperament fil-piena, anki biex din tkun konformi mas-sentenza l-ohra fl-istess ismijiet li qed tigi konfermata llum stess."**

Il-pozizzjoni rigward id-dar matrimonjali ghadha l-istess.

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li qalet din il-Qorti ukoll diversament presjeduta (per l-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano (illum Prim Imhallef)) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciza fit-3 ta' Novembru 1995 (Vol. LXXIX.v.1678):

**"… din il-Qorti ma tistax tordna li t-tliet processi jew it-tliet sentenzi diga` moghtija jigu inkorporati fi process wiehed jew f'sentenza wahda – ebda disposizzjoni tal-ligi ma tawtorizzaha li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim'Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi."**

U fis-seduta tallum qieghed jigi deciz kaz iehor kontra l-appellant dwar mertu simili.

Finalment din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti tidher li applikat ukoll l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

meta jidher li dan, ghalkemm moghti mill-prosekuzzjoni skond ic-citazzjoni, ma kienx applikabbli. Ir-raguni hi semplici. L-appellant gie akkuzat li ma hallasx manteniment ghall-perijodu ta' bejn it-13 ta' Jannar 2010 u d-9 ta' Frar 2010. Dan il-perijodu jinkorpora fih biss pagament ghal perijodu ta' erba' gimghat, u skond is-sentenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, tat-30 ta' Novembru 2005 li giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Dicembru 2006, il-manteniment kellu jithallas kull erba' gimghat. Ghalhekk f'dan il-kaz l-appellant ma setax jinstab hati tar-reat dedott kontra tieghu bhala reat kontinwat.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet kollha ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu hati taht l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tikkonfermaha in kwantu sabitu hati talli ghall-perijodu ta' bejn it-13 ta' Jannar 2010 sad-9 ta' Frar 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Emanuela Cauchi u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal gimgha detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------